MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 760/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Cleanwell Services Limited (C 19323);**
**Charles Lebrun; u**
**Anna Lebrun**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c., li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 10 ta' Lulju 1996 u 24 ta' Lulju 1997, in atti Nutar Dottor Peter Fleri Soler (Dok. 'A' u Dok. 'B'), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Cleanwell Services Limited;

Is-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ Cleanwell Services Limited fis-somma ta’ hamsa u sittin elf u hamsa u sebghin Ewro u erba’ centezmi (€65,075.04) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Account*” tas-socjeta’ B. Cleanwell Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1” sa “C33”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta’ Mejju 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Permezz ta’ zewg kuntratti datati 10 ta’ Lulju 1996 u 24 ta’ Lulju 1997, in atti Nutar Dottor Peter Fleri Soler (Dok. ‘A’ u Dok. ‘B’) u ta’ skrittura privata datata 24 ta’ Lulju 1996 (Dok. ‘D’), il-konvenuti Charles Lebrun u Anna Lebrun, iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ Cleanwell Services Limited, sal-valur ta’ tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Cleanwell Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument ‘A’, ‘B’ u ‘D’) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ Cleanwell Services Limited, Charles Lebrun u Anna Lebrun;

(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta’ Cleanwell Services Limited, Charles Lebrun u Anna Lebrun li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

Il-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 23 ta’ Frar 2006, li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. “E” u “F”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Cleanwell Services Limited, Charles Lebrun u Anna Lebrun (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Cleanwell Services Limited, Charles Lebrun u Anna Lebrun li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

Tikkundanna lis-socjeta' Cleanwell Services Limited thallas lis-socjeta attrici, is-somma ta' hamsa u sittin elf u hamsa u sebghin Ewro u erba' centezmi (€65,075.04) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tas-socjeta' Cleanwell Services Limited (Dok. "C1" sa "C33") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta' Mejju 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Tikkundanna lil Charles Lebrun u Anna Lebrun ihallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici, is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tas-socjeta' Cleanwell Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1" sa "C33") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta' Mejju 2011 sad-data tal-effettiv pagament.

BL-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 23 ta' Frar 2006, u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, Cleanwell Services Limited, Charles Lebrun u Anna Lebrun ma pprezentaw ebda twegiba u lanqas dehru fl-udjenza.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi, bid-dokumenti esebiti u l-konferma bil-gurament ta' Romwald Attard, il-Bank rikorrenti pprova l-allegat sal-grad rikjest mil-ligi.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba; tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjeta' Cleanwell Services Limited thallas lis-socjeta' rikorrenti, is-somma ta' hamsa u sittin elf u hamsa u sebghin Ewro u erba' centezmi (€65,075.04), bl-imghax u spejjez kif mitluba. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Charles u Anna Lebrun ihallsu flimkien lis-socjeta' attrici, is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73), bl-imghax u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------